MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tat-28 ta' Lulju, 2011

Citazzjoni Numru. 567/2011

Kaptan Anton **KURASHVILI**, Daniela Irakli, Huseinov Ilham; Muzika Valentin; Kajai Akaki, Kurashvili Georgi; Guralia Irod; Slabospyrskyi Artem; u Lobanovsky Oleksandr.

**vs**

Avukat Cedric **MIFSUD** u l-P.L. Gerald Bonello li b'degriet tat-28 t'April, 2011, inhatru bhala Kuraturi Deputati sabiex jirrapprezentaw lill-bastiment *"M/V Vasilios N"*.

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq bil-procedura sommarja specjali fl-14 ta' Gunju, 2011, li bih ir-rikorrenti ghar-ragunijiet hemm imfissra, talbu (a) li din il-Qorti taqta' l-kawza minghajr smigh ghall-finijiet tal-artikoli 167 sa' 170

tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta; u (b) li l-Qorti tikkundanna lill-imharrkin, fil-kwalita' taghhom premessa, biex ihallsu lill-atturi s-somma ta' sitta u tletin elf seba' mija u sbatax-il Ewro u hamsa u hamsin centezmi (€36,717.55) li tirrapprezenta l-import ta' pagi dovuti lilhom ghaz-zmien bejn il-21 ta' Marzu, 2011, sat-8 ta' Gunju, 2011;

Talbu wkoll il-hlas tal-imghax legali u l-ispejjez;

Rat ili l-atti tar-Rikors gew debitament notifikati lill-intimati *nomine* li bi Twegiba Mahlufa mressqa fis-26 ta' Lulju, 2011, qalu li ma jafu xejn dwar il-kaz billi, minkejja ghadd ta' tentattivi biex ikellmu s-sidien tal-bastiment imharrek halli jiehdu l-istruzzjonijiet minghandhom baqghu ma rnexxewx u ghalhekk ma jafu xejn dwar il-kaz;

Semghet l-Avukat tal-atturi;

Rat id-degriet taghha tal-15 ta' Lulju, 2011, fuq talba maghmula mill-atturi b'rikors taghhom tat-12 ta' Lulju, 2011, biex tisma' din il-kawza b'urgenza;

Ezaminat l-atti tar-Rikors;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fir-Rikors jirrizultaw pruvati;

Il-Qorti qieghda taqta' u tiddeciedi l-kawza billi:

1) **Tilqa' l-ewwel talba tal-atturi** u taqta' l-kawza minghajr smigh;

2) **Tilqa' t-tieni talba** u tikkundanna lill-imharrkin *nomine*, biex ihallsu lill-atturi s-somma ta' sitta u tletin elf seba' mija u sbatax-il Ewro u hamsa u hamsin centezmi (€36,717.55) rapprezentanti l-pagi tal-atturi dovuti lilhom mill-bastiment imharrek ghaz-zmien bejn il-21 ta' Marzu, 2011, sat-8 ta' Gunju, 2011, flimkien mal-imghaxijiet legali fuq l-imsemmija somma b'sehh mill-14 ta' Gunju, 2011, sal-jum tal-hlas effettiv;

3) **Tikkundanna** lill-imharrkin *nomine* jhallsu l-**ispejjeż tal-kawza**, b'dan li d-drittijiet tal-Kuraturi Deputati jithallsu provvizorjament mill-atturi**.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------